MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-19 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 744/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Joecar Limited**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-23 ta' Lulju 2008 li permezz tiegħu s-soċjeta' attrici ppremettiet:

1. Illi, in forza ta' bejgħ in subasta numru 03/2003 mizmum taħt l-Awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Marzu 2006 ġie liberat a favur tas-soċjeta' attrici l-*penthouse* u *washrooms* u arja sovrastanti, liema *penthouse* u *washrooms* jinsabu fit-tmien (8) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta' *flats* mingħajr numru uffiċjali magħrufa bħala "Fawwara Buildings" li jinsab fi Triq Ġuże' Fava,

Sliema nkluż is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Fawwara Lane, Sliema. L-imsemmi blokk ta’ *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma’ Saint Anne Square, punent ma’ Tower Road u tramuntana ma’ Plaza Centre proprjeta’ ta’ Plaza Enterprises Limited, kif ahjar jidher mill-kopja tal-liberazzjoni hawn annessa u mmarkata Dok. A;

2. Illi, għalhekk illum is-soċjeta’ konvenuta qed tokkupa dan il-fond mingħajr ebda titolu validu fil-liġi;

3. Illi, l-attur jaf personalment illi saret il-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond indikat fid-dokument A hawn anness.

4. Illi, is-soċjeta’ konvenuta ġiet interpellata sabiex tiżgombra mill-imsemmi fond u dan permezz ta’ ittra uffiċjali datata 25 ta’ Settembru 2006 li kopja tagħha qed tiġi hawn esebita u mmarkata Dok. B, iżda din baqgħet inadempjenti.

Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, tgħid il-konvenuta għaliex m’għandhiex din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-soċjeta’ attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara illi s-soċjeta’ konvenuta qed tokkupa l-*penthouse* u *washrooms* u arja sovrastanti, liema *penthouse* u *washrooms* jinsabu fit-tmien (8) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta’ *flats* mingħajr numru uffiċjali magħrufa bħala “Fawwara Buildings” li jinsab fi Triq Ġużeʼ Fava, Sliema nkluż is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Fawwara Lane, Sliema. L-imsemmi blokk ta’ *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma’ Saint Anne Square, punent ma’ Tower Road u tramuntana ma’ Plaza Centre proprjeta’ ta’ Plaza Enterprises Limited;

2. Tikkundanna u tordna in konsegwenza, lill-istess soċjeta’ konvenuta fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss, tiżgombra mill-*penthouse* u *washrooms* u arja sovrastanti, liema *penthouse* u *washrooms* jinsabu fit-

tmien (8) sular meta kkalkulat minn Saint Anne Square, Sliema, formanti parti minn blokk ta' *flats* mingħajr numru uffiċjali magħrufa bħala "Fawwara Buildings" li jinsab fi Triq Ġuże' Fava, Sliema nkluż is-sehem indiviż tal-entratura indipendenti u esklussiva li tagħti għal Fawwara Lane, Sliema. L-imsemmi blokk ta' *flats* jikkonfina minn nofsinhar ma' Saint Anne Square, punent ma' Tower Road u tramuntana ma' Plaza Centre proprjeta' ta' Plaza Enterprises Limited;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 25 ta' Settembru 2006 u bir-riserva għal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soċjeta' attrici kontra s-soċjeta' konvenuta li hi nġunta minn issa sabiex tidher għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attrici u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta ppreżentata fl-10 ta' Novembru 2009, li permezz tagħha eċċepiet:

Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż *stante* illi huma infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u dana *stante* illi l-esponenti hija s-sid tal-fond meritu ta' dan ir-rikors.

Illi l-esponenti jaqbel illi dan il-fond kien meritu ta' subasta.

Illi pero' s-soċjeta' rikorrenti naqset milli tieħu konjizzjoni tal-fatt illi dan il-fond kien ġie rkuprat permezz ta' ċedola ta' depożitu bin-numru 618/2008 preżentata fit-30 ta' Mejju 2008.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavit ta' Raymond Aquilina;

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' April 2010 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li s-soċjeta' konvenuta naqset li tidher u tressaq provi;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher minn dak li ġia' intqal is-soċjeta' konvenuta ma ressqitx provi u għalhekk il-provi tas-soċjeta' attriċi ma ġewx kontradetti. Jirriżulta allura li t-talbiet attriċi huma ġustifikati u għandhom jigu milqugħa.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahar.**

**L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta**.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------